MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Numru. 1/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Saviour Piscopo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Saviour Piscopo bin John u Theresa nee Camilleri imwieled fl-4 ta' Frar 1961 u residenti Ta' Frenc, Flat 6, Triq in-Nahla, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 6961 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-Imgarr, Ghawdex, nhar l-14 t'Ottubru, 2003 ghall-habta ta' 9.30pm

1 Qal kliem oxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha;

2 Verbalment ingurja il-persuna ta' Joseph Vella mill-Gharb, Ghawdex.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Guzeppi Vella u Anglu Demanuele u lill-imputat jixhed minn jeddu w b'mod volontarju;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 338 bb u 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-ewwel akkuza tirrisulta provata b'mod soddisfacenti u ghalhekk issibu hati taghha u tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) u ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------